# Il-Poeta Karmenu Vassallo

kitba ta' Nikol Aquilina



Il-persunaġġ li se nisimgħu tagħrif dwar ħajtu llum huwa dak tal-Poeta Karmenu Vassallo, jew kif huwa magħruf fost il-kittieba tal-Malti *l-Poeta tan-Nirien*. F'raħal twelidu, is-Siġġiewi nsibu triq imsemmija għalhekk, jiġifieri għall-qawwa tal-poeżija tiegħu bl-isem *Triq in-Nirien*.

Forsi tgħidu, imma fiex jidħol Karmenu Vassallo fl-istorja tas-Soċjetà jew tar-raħal tagħna, il-Qrendi. Għal dawk li ma kinux jafu, irridu ngħidu li l-Poeta Karmenu Vella huwa l-awtur ta' l-innu tant sabiħ li għamel lil Santa Marija tal-Qrendi u li jġib id-data tat-12 ta' April 1945. Fuq il-versi ta' dan l-innu nsibu żewġ partituri ta' mużika. Wieħed huwa magħruf bħala l-Innu Popolari li ġeneralment jitkanta mill-kor tat-tfal, jew is-sopran weħidha jew tenur waħdu. Il-mużika hija tas-Surmast-Fundatur tal-Banda Santa Marija, Mro. Ġużeppi Muscat tas-Siġġiewi. Meta twaqqfet il-Banda Maestro Muscat li kien ħabib kbir ta' Karmenu Vassallo, dak iż-żmien kien l-Assistent Surmast tal-Banda San Nikola tas-Siġġiewi. Dan l-innu tkanta għall-ewwel darba fil-festa ta' Santa Marija fl-istess sena li nkiteb jiġifieri fl-1945.

It-tieni partitura, magħrufa bħala l-Innu l-Kbir, saret fuq l-istess kliem ta' l-innu li kiteb Vassallo imma din id-darba fuq mużika tas-Surmast Karmenu Mallia. Din il-partitura Karmenu Mallia kitibha fl-1947. Dak iż-żmien kellu taħt id-direzzjoni tiegħu l-Banda San Nikola tas-Siġġiewi. Dan l-Innu l-Kbir indaqq għall-ewwel darba fl-1995.

## Min Kien Karmenu Vassallo

Karmenu Vassallo twieled is-Siġġiewi fit-18 ta' Marzu 1913 u ġie mgħammed il-ġurnata ta' wara fid-19 ta' Marzu mill-Viċi-Parroku ta' dak iż-żmien is-Saċerdot Dun Mikiel Vella. L-ismijiet li hu ngħata flimkien ma' dak ta' Karmenu kien Ġann-Nikola, Ġlormu, Ġużeppi, Enriku u Pietru-Pawl. Il-parrinijiet għall-magħmudija kienu Ġann-Nikol Vassallo mis-Siġġiewi u Maria Grazia Micallef minn San Ġiljan. Kien l-ewwel iben fost tliet aħwa ta' Mikiel Anġ. Vassallo u Ġużeppina, imwielda Micallef. Fid-9 ta' Frar 1920, meta Karmenu kellu biss seba' snin mietet ommu u ħaduh joqgħod ma' nannietu min-naħa ta' missieru. Wara l-mewt tan-nanniet Karmenu baqa' jgħix ma' zitu Rożanna, li kienet xebba. Fl-1 ta' April 1922 missieru reġa' żżewweġ u ħa b'martu lil Consolata Muscat minn Ħal Qormi. Minn dan iż-żwieġ twieldu sebat itfal. Ta' disa' snin, fix-xahar ta' Ottubru 1922, Karmenu beda jitgħallem fl-iskola primarja tal-gvern li kienet fi Pjazza San Nikola ġewwa s-Siġġiewi. F'Ottubru 1928 kompla l-istudju tiegħu fil-Kulleġġ ta' San Alwiġi Birkirkara. Fis-sena 1932 insibu lil Karmenu jingħaqad mas-Societá Sancti Pauli, illum magħrufa bħala s-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl, u beda l-istudju tiegħu għas-saċerdozju fil-kunvent Agostinjan ta' San Mark, ir-Rabat, Malta. F'dan ta' l-aħħar huwa studja l-Letteratura, il-Filosofija u anke t-Teoloġija. Aħna ċerti li mit-tagħlim li ħa minn hawn toħroġ l-umanità ta' Vassallo li wera matul ħajtu billi żgur li żamm f'moħħu dawk iż-żewġ qaddisin li huma San Pawl u Santu Wistin. Dawn it-tnejn li huma kienu midinba kbar imma rnexxielhom ibiddlu ħajjithom u jersqu lejn il-ħallieq. Fl-istess sena, jiġifieri fl-1932, beda jippubblika l-ewwel xogħlijiet ta' proża u poeżija bil-Malti.

Kien għall-aħħar jiem ta' Novembru 1935, meta tilef il-vokazzjoni u ħareġ mis-Soċjetà ta' San Pawl u reġa' mar joqgħod ma' zitu Rosanna. Meta spiċċa l-istudji tiegħu, beda jaħdem bħala ġurnalist ta' *Leħen is-Sewwa* bħala *proof-reader*. Bħalma għidna Karmenu Vassallo kellu vermanet għal qalbu l-ilsien Malti fejn kien iħaddmu ferm tajjeb sew fil-proża, kemm fit-traduzzjoni minn lingwi oħra, kif ukoll fil-poeżija. Fl-1937 beda jirbaħ xi konkorsi fil-qasam tal-poeżija. Beda jaħdem ma' l-istaff editorjali ta' *Il-Berqa* u sar l-editur tal-paġna Letterarja fl-istess gazzetta. Fid-19 ta' Diċembru 1937 ġie maħtur membru akkademiku ta' l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, fejn kien membru attiv ħafna. Fl-1938 Karmenu Vassallo ħareġ l-ewwel antoloġija tiegħu ta' poeżija, bl-isem ta' *Nirien* fejn bil-qawwa tal-poeżiji li kien fih dan il-ktieb minnu ħareġ l-isem *Il-Poeta tan-Nirien*. Beda jingħażel biex ikun eżaminatur f'għadd ta' konkorsi letterarji bil-Malti. Fit-2 ta' April 1939 mititlu zitu Rosanna.

Fit-3 ta' Ġunju 1939 iżżewweġ lil Marija mwielda Vassallo. Ftit taż-żmien wara ħareġ il-ġabra ta' kitbiet bl-isem *Alla taż-żgħażagħ*. Fit-12 ta' Diċembru 1939 spiċċa minn mal-ġurnal li kien joħroġ ta' kuljum *Il-*

*Berqa* u daħal jgħallem il-Malti, it-Taljan, l-Istorja ta' Malta u l-Ġografija fil-Kulleġġ San Alwiġi. Fis-sena 1940 ħareġ il-ktieb *Metrika Maltija*. Fit-3 ta' Marzu 1941 twelditlu l-ewwel wild Rożanna li mietitlu xahar u nofs wara fil-21 ta' April. F'Lulju ta' l-istess sena 1941 spiċċa minn għalliem fil-Kulleġġ San Alwiġi u fl-4 ta' Awissu inqabad suldat bil-lieva fil-K.O.M.R. Fit-23 ta' Awissu 1942 twieled ibnu Herman-Baruch u fis-16 ta' Jannar 1944 twieled ibnu Oliver Paul. Fit-3 ta' Frar 1944, ġie maħtur wieħed mill-membri tal-Kunsill ta' l-Għaqda Kittieba tal-Malti. Fit-12 ta' Ottubru 1944 Karmenu spiċċa minn suldat bil-lieva u ngħata l-midalji *1939-45 Star*, l-*Africa Star* u l-*War Medal 1939-45*. Fis-16 ta' Ottubru 1945 erbat ijiem wara daħal bħala impjegat mal-Gvern. Lejn l-aħħar tal-ħarifa ta' l-istess sena ħareġ il-ktieb ta' poeżiji *Kwiekeb ta' Qalbi*.



Fit-22 ta' Novembru 1945 Karmenu Vassallo ġie maħtur rappreżentant tal-poplu fil-Kunsill tal-Gvern fejn dam sat-12 ta' Settembru 1946, meta flimkien ma' sħabu rriżenja mill-Kunsill tal-Gvern. Fl-1946, ħareġ il-ktieb *Sant'Injazju minn Loyola*, traduzzjoni tal-ktieb *Breve vita di San Ignazio di Loyola* ta' Patri Antonio Astrain S.J. Fit-2 ta' Frar 1947 twelidlu ibnu Toninu. Fl-10 ta' April 1947 ġie maħtur surmast il-liċeo. Hemm beda jgħallem il-Malti u bħala ilsna sussidjarji kellu l-Latin u t-Taljan. Fil-21 ta' Novembru ibnu Toninu miet ta' inqas minn sena. Bejn l-1949 u l-1962 insibuh bħala eżaminatur tal-Malti fl-eżamijiet taċ-Ċivil. Fl-14 ta' Settembru 1949, twieled ibnu Nicholas. Bejn l-1950-1957 ġie maħtur Segretarju tas-Soċjetà ta' l-Awturi Maltin. Fl-aħħar tal-ħarifa 1950, ħareġ ir-rumanz ta' Charles Dickens *A Tale of Two Cities – Ġrajja ta' Żewġt Ibliet* li Vassallo qaleb għall-Malti mill-Ingliż b'majestrija kbira, li saħansitra din it-traduzzjoni li tana kienet u għadha tintuża għall-eżamijiet tal-GCE. Dan ir-rumanz niftakruh joħroġ ta' kull xahar bħala faxxikli.

Fis-snin 1951-1952 qabditu marda serja, imma rnexxielu jfiq minnha. Fis-27 ta' Novembru l-1951 twelditlu bintu Jane. F'Ġunju ta' l-1953 ġarr bil-familja u mar joqgħod il-Marsa. Fl-20 ta' Ġunju 1955 twelidlu ibnu Joe Silverius li mietlu fl-20 ta' Mejju 1956, li dam għalhekk inqas minn sena ħaj. Fl-20 ta' Novembru spiċċa minn għalliem tal-Malti fil-Liċeo u ġie ssekondat fid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni, fejn beda jaħdem bħala *scriptwriter*. F'Novembru 1956 Karmenu Vassallo ħareġ il-ktieb *Riefnu* li huwa traduzzjoni tar-rumanz *Bufera* ta' Giovanni Curmi. F'Marzu-April 1957, ħareġ il-ktieb ta' proża *Is-Salib Imqaddes fl-Arti*. F'Awissu 1957 reġa' mar joqgħod lura f'raħal twelidu, is-Siġġiewi. Bejn l-1956-1963, beda joħroġ taħt forma ta' faxxikli *Stqarrijiet*, li kienu jiġbru fihom traduzzjoni ta' l-ewwel tliet kotba tal-*Confessions* li kiteb Santu Wistin u li kienu dehru fil-perjodiku Agostinjan *Santa Rita* bejn April 1956 u Novembru 1963. Fi tmiem is-sena 1959 ħareġ l-Antoloġija ta' Poeżiji *Ħamiem u Sriep*.

Lil Karmenu Vassallo nsibuh bħala membru tad-*Drama Advisory Panel* mal-kumpanija tar-*Rediffusion* bejn l-ewwel ta' Lulju 1960 u t-30 ta' Ġunju 1961. F'Marzu 1960 ħareġ il-ktieb tal-proża *Mill-Artal għas-Sema* u f'Lulju 1961 spiċċa minn *scriptwriter* minn mad-Dipartiment ta' l-Informazzjoni u ġie ssekondat ma' l-Awtorità tax-Xandir bħala Uffiċjal tax-Xandir għall-Iskejjel. F'Lulju 1960 miet missieru fl-għomor ta' 79 sena. Karmenu Vassallo rtira bil-pensjoni mis-servizz mal-Gvern fl-4 ta' Settembru 1968.

Minn issa 'l quddiem insibu lil Karmenu jiddedika aktar ħin minn qabel għall-kitba. F'Ġunju 1969 ħareġ il-ktieb *Vatum Consortium – Il-Poeżija bil-Malti*. F'Awissu 1970, ħareġ l-Antoloġija ta' Poeżiji *Tnemnim*.

F'Ġunju 1971, Karmenu Vassallo kkontesta l-Elezzjoni Ġenerali mal-*Malta Labour Party* fil-Ħames Distrett Elettorali. Bejn l-1972-1980 insibuh wieħed miċ-ċensuri tal-Films u l-Produzzjonijiet għall-Palk, membru tal-Kumitat tal-Kuntratti u membru tal-Bord tal-Viżitaturi tal-Ħabs. Fuq dan il-bord dam sa l-1974 u mhux iżjed, għax ried hu. Fit-12 ta' Frar 1972 ġie mogħti l-Midalja tad-Deheb *Ġużè Muscat-Azzopardi* għall-ħidma tiegħu fil-Letteratura Maltija, flimkien ma' Anton Buttigieg. Bejn l-1973 u l-1978 ġie maħtur membru indipendenti tal-Kunsill tal-Pagi għall-Industrija tax-Xorb, għall-Uffiċċji ta' Professjonijiet u għax-Xogħol ta' l-Istampa u Pubblikazzjoni. F'dan dam membru sa Marzu 1975, meta nħatar *chairman* u baqa' hekk sa ma ħalla l-kariga minn rajh fl-1978. F'Lulju 1974 ħareġ l-Antoloġija *Bejn Qċaċet u Qigħan* li tiġbor fiha għażla ta' l-aħjar poeżiji mill-kotba tiegħu *Kwiekeb ta' Qalbi* u *Ħamiem u Sriep*.

Bejn l-1975 u l-1980 ġie maħtur mill-gvern bħala wieħed mid-deputati reġistraturi taż-żwieġ. Fir-rebbiegħa ta' l-1982, Karmenu ħareġ il-ktieb *Għażiż Karmenu...* l-ewwel antoloġija ta' ittri bil-Malti u b'xi ilsna oħra wkoll. Fil-ħajja soċjali Karmenu Vassallo ma qagħadx lura, tant li nsibuh jieħu parti fil-Każin tal-Banda San Nikola tas-Siġġiewi fejn għamel xi żmien ukoll bħala president ta' l-istess Soċjetà. Insibuh ukoll fost iż-żgħażagħ fil-Klabb tal-Futbol tas-Siġġiewi, fejn ukoll għamel xi żmien president tal-klabb. Imma fuq kollox Karmenu kien ukoll raġel tal-familja li għamel

ħiltu u pprova dejjem jeduka lil uliedu fit-triq it-tajba. Meta Karmenu Vassallo ħareġ għall-politka qatt ma kellu f'moħħu li jibni karriera f'dan il-qasam. It-tagħlim ta' Karmenu ħadu mill-Vangelu u l-motto tiegħu kien li twieled fqir, għix fqir u bena ħajtu madwar il-fqar biex jgħin lill-fqar. Kien jgħin lil kulħadd, ma kienx jara kuluri, għalhekk kull min kien jersaq lejh kien jgħinu. F'kelma waħda kien jgħix l-ispirtu nisrani li trabba' fih. Vassallo twieled fqir, għix fil-faqar u ma mietx sinjur.

U dan hu l-aħjar ċertifikat għalih, issa li m'għadux magħna. Il-mewt tiegħu fl-età ta' 74 sena nhar it-Tlieta 7 ta' April 1987, żgur li ħasdet lil ħafna Siġġiwin, kif ukoll ħafna ħbieb tiegħu li kienu jafuh. Miet il-Poeta tan-Nirien kienet il-kelma fuq fomm kulħadd. Il-funeral u d-difna tiegħu saru fis-Siġġiewi fid-9 ta' April 1987. Is-Soċjetà Mużikali Santa Marija, li għaliha kiteb wieħed mill-isbaħ innijiet li ħarġu mill-pinna ta' l-aqwa poeti Maltin ta' kull żmien, kienet irrappreżentata bl-istandard tas-Soċjetà Mużikali Santa Marija tal-Qrendi, mill-Viċi-President, is-Sur Nikol Aquilina, li barra li Kermenu kien is-surmast tiegħu tal-Malti fil-Liċeo, taħt il-ħarsien letterarju tiegħu tħabbeb mat-tiswir tal-versi tal-poeżija bil-Malti, fejn matul iż-żmien saru ħbieb kbar, kif ukoll mis-Segretarju tas-Soċjetà, is-Sur Francis Bezzina. Huwa żgur li l-memorja tiegħu mhux se tmut miegħu, peress li l-wirt letterarju kif ukoll uman li ħalla warajh se jibqa' jfakkarna fih kontinwament bl-Innu lil Santa Marija tal-Qrendi li kiteb fl-1945.


VIPER Garage

SPRAY PAINTING • PANEL BEATING

6, SEJBA ROAD, MQABBA TEL: 2168 9765 MOB: 9942 0835
PROP.: IVAN BALZAN

CARMEN

BAKERY AND CONFECTIONERY

MALTESE BREAD, FANCY BREAD & ALL TYPES OF CAKES

*Triq il-Qroll, Żurrieq • Tel: 2164 0444*